**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 7 – L-Erbgħa, 4 ta' Settembru, 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-4.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Cauchi | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-lagħqa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 6, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku**

- Ġie intervistat minn studenta fl-Universita ta' Malta fuq ir-raba` tal-gvern li jinsab f'Għajnsielem u f'liema stat jinsab.
- TM – approvata r-rikjesta ta' mera fit-Triq Ħamri
- Kampanja *Influenza Vaccines* 2012- il-Kunsill qabel li joħroġ avviż fuq il-Bullettin.
- *E-mail* mingħand Charmaine Attard fejn qed tofri l-opportunita lill-Kunsilli li jippromovi lilu nnifsu jew xi attivita f'5 minuti fuq il-programm Netonn għal-prezz ta' €50. Il-Kunsill approva li jippartecipa.
- Is-Sindku stqarr li l-Kunsill għadu ma rċiviex risposta għal-email li ntbagħtet rigward konferma tal-finanzi għal-proġett tal-Pjazza. Il-Kunsill xorta qabbad lis-SE biex jinbghat invit lill-Isqof u s-Sur Guzman biex issir laqgħa mal-Kunsill nhar l-20 ta' Settembru 2012.
- Kummenti mitluba mid-DLG rigward board tal-Moniteraġġ li se jigi mwaqqaf fid-Dipartiment – il-Kunsill ma qal l-ebda kumment.

## 4. Permessi Kiosks u Bars tal-festa

Is-Sindku wera d-diżappunt tiegħu għax żewġ applikanti li applikaw biex jagħmlu bar ma żammewx mal-permess kif inħarġilhom mil-Kunsill. Dawn kienu Jason Xuereb tal-ħanut tal-ħaxix fi Pjazza Indipendenza li ma kellux permess għal-imwejjed u siġġijiet pero lejliet il-festa dan għamilhom fil-Pjazza. L-ieħor kien tal-club tal-Football li kien miftiehem bejnu u bejn is-Sindku li jagħmel bar ta' 4 piedi bħal ma kien fis-sena ta' qabel izda dan mit-Tlieta sal-Hadd tal-ġimgħa tal-festa għamel il-bar mibni bil-ġebel tul ta' xi 12 il-piedi fejn għalaq kompletament l-aċċess għat-*telephone box* kif ukoll l-istand tar-roti. Fuq il-permess inħareġ fuq biegħ ta' xorb biss, izda huwa kellu biegħ l-ikel, fejn uża t-telephone bħala *store* u waħħal t-tabella tal-prezzijiet magħha. Għalkemm is-Sindku bagħat għas-sid tal-bar minnufih, u talbu li jneħħi għal-inqas il-parti tal-bar li tiġi quddiem it-telephone box iżda dan xorta webbes rasu u ħalla kollox kif inhu. Is-Sindku qal ukoll li kien għadda il-pjanta bil-qisien u l-ismijiet lill-pulizija biex jaraw li kullħadd jimxi ma dik-il-pjanta pero b'dispjaċir kbir għalih dawn ma tawx każ din il-pjanta u ħallew kollox għaddej qisu qatt ma ġara xejn.

Is-Sindku issuġġerixxa li s-sena d-dieħla jinkitbu ċertu kundizzjonijiet mal-permess fejn l-applikant irid jiffirma dawn il-kundizzjonijiet u wara jinħareg il-permess.

Il-Kunsill qabel li s-sena d-dieħla, jinkitbu il-kundizzjonijiet u l-qisien tal-permess fuq pjanta li jiddeċiedi l-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li tintalab garanzija mill-bank t'€500 lil Għajnsielem Football Club u t'€200 lil Jason Xuereb biex jekk ma jimxux mal-permess, din il-garanzija tinżamm mill-Kunsill.

## 5. Laqgħa mal-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem

Nhar it-Tlieta, 25 ta'Settembru, fis-6.00pm.

## 6. Miżura 414.4 - Embelishment tal-Pjazza tad-Dehra

Is-Segretarji Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni saret fil-ħin. L-Applikazzjoni tad-DNO se tintefa fil-futur qarib mil-perit Godwin Sultana.

## 7. Laqgħa maċ-Chairman tal-MEPA nhar l-24 ta' Settembru, fil-11.30am

Il-Kunsill qabel li jkun hemm din l-Aġenda:

- Proġett tax-Xatt l-Aħmar
- Ta Passi Recreational Park
- Żvilupp tal-Mġarr Hotel
- DNO applikazzjoni Pjazza tad-Dehra
- DNO applikazzjoni Pjazza Madonna ta' Loreto

## 8. Permess tal-uffiċċju tal-Kunsill l-antik

Is-Sindku informa lill-preżenti li l-permess minn uffiċċju tal-Kunsill Lokali jsir lura għal-dar ġie approvat illum mill-Board tal-MEPA. Il-Kunsill għandu jirċievi l-permess aktar tard din il-ġimgħa. Il-Kunsill qabel li jċempel lis-sid tal-post biex jipprova ma jħallasx il-kera tax-xahar ta' Settembru.

## 9. Kids Fair

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-preżenti li fid-data li l-Kunsill se jorganizza din l-attivita', ċioe fis-16 ta' Settembru, se jsiru attivitajiet simili fix-Xewkija u fin-Nadur. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija ma setgħetx tmexxi din l-attivita ġimgħa lura għaliex l-flyers kienu diġa printjati. Il-Kunsill qabel li jibqa jżomm din id-data biex issir din l-attivita.

## 10. Laqgħa ma' Joseph Scicluna – Soft Ball

Saret laqgħa bejn il-Kunsill u Joseph Scicluna l-Erbgħa, 4 ta' Settembru fit-3.00pm. Joseph irringrazzja lill-Kunsill tas-support li dejjem wera għal dan il-logħob tas-soft ball, fejn qal li bis-support tal-Kunsill, l-għajnuna li ngħatat kienet ta' ġid kbir għal-dawn it-tfal li qed jipparteċipaw f'dan l-isport ġdid. Joseph jixtieq ukoll li fil-klassi tal-year 6 fl-Iskola Primarja, jibda jkun hemm siegħa, fejn fija jsir dak li jissejjah Primary School Player Development Programme. Il-Kunsill qabel li jagħmel l-arranġamenti neċessarji mal-Iskola Primarja biex tibda ssir din is-sessjoni darba f'ġimgħa.

Joseph Scicluna kompla jgħid li t-team tas-Soft Ball se jipparteċipa fil-league Malti għal dan l-isport bejn Ottubru u Diċembru fejn nofs il-partiti għandhom jintlagħbu f'Għajnsielem u nofs l-ieħor f'Malta. Wara dan, ser isir il-league propja li jibda f' Jannar u jibqa sejjer sa Mejju, fejn it-team t'Għajnsielem ser jippartecipa għall-ewwel darba. L-ispejjeż involuti huma tal-vapur u minibus għal 10 darbiet. Is-sur Scicluna qal li se jintalbu €25 *registration fee* għal kull player u dawn ser jitħalsu mill-ġenituri. Il-kwotazzjoni tal-uniformi ta' gearijiet huma madwar €75 il-persuna, fejn dan jikkonsisti f'beritta, gears bil-logos u undershirt abjad. Il-Kunsill qabel li jixtri ħmistax il-gear, u jibqgħu propjeta` tal-Kunsill biex ikunu jistgħu jilgħabu f'dak il-league fejn l-ewwel logħba f'Għajnsielem ser issir fil-11 ta' Novembru.

Is-Sindku rringrazzja lis-sur Scicluna għad-dedikazzjoni u paċenzja li qed jieħu sabiex jintroduċi fil-gżira Għawdxija din il-logħba tas-Soft Ball. Hu qal li l-inkoraġġament minn naħa tat-tfal u l-ġenituri baqa dejjem jikber u dan kien ta' sodisfazzjon kbir kemm lejn s-sur Scicluna kif ukoll lejn l-Kunsill. Is-Sindku qal li fuq kollox bis-saħħa ta' dan kollu t-tfal tagħna kien qed ikollhom opportunita` ġdida fejn jieħdu edukazzjoni sportiva differenti mill-logħba tal-football. Il-Kunsill huwa kburi b'dan it-team minn Għajnsielem li ser ikun l-ewwel team tas-Soft ball li twaqqaf fil-gżira Għawdxija bħal ma kien dak tal-Football.

Franco Ciangura ssuġġerixxa li ssir konferenza stampa fejn jiġu ppreżentati wkoll lit-team set ta' gearijiet. Intlaħaq ftehim li din il-konferenza ssir lejliet l-ewwel logħba tal-league, jiġifieri l-Ġimgħa, 5 t'Ottubru f'Għajnsielem Football Club.

Joseph Scicluna għandu jieħu ħsieb il-lista ta'inviti u jibgħata lis-Segretarju Eżekuttiv.

**11. Għajn tal-Hasselin**

Is-Sindku qal lill-preżenti li kien irċieva ritratt antik ħafna tal-Għajn tal-Hasselin meħud mil-qrib, minn għand il-perit Edward Said, li jiġi iben ic-Chairman tal-Heritage Malta, s-sur Joseph Said. Is-Sindku kompla jgħid li huwa flimkien mal-Kunsilliera dejjem kellhom ix-xewqa li ssir riċerka dettaljata fuq l-Għajn mill-bidu, meta nbniet mil-GranMastru Ramon Perellos. Dan sabiex l-istorja ta' din l-Ghajn tkun tista tiġi esebita fl-istess Għajn għall-informazzjoni tal-publiku. Hu qal li jaħseb li l-perit Said huwa l-bniedem opportun li jista jagħmel din ir-riċerka. Il-Kunsill approva li jikkuntatja lill-dan il-perit u jinfurmaħ bix-xewqa tiegħu u jekk dan jaċċetta għandu jagħmel lagħqa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv sabiex isir il-ftehim u jibda din ir-riċerka dettaljata fuq il-Għajn.

**12. Kuntratt tal-Mobile għas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Segretarju Eżekuttiv stqarret mal-preżenti li hija qed tispiċċa tuża l-mobile personali tagħha biex tkun tista taħdem effiċċjenti għall-interess tal-Kunsill. Hi qagħlet li għal ħafna drabi jinqalgħu affarijiet mhux waqt il-ħin tax-xogħol jew barra mill-uffiċċju pero hi xorta waħda kienet qed twieġeb jew ċċempel anke wara' l-ħin normali tax-xogħol. B'hekk il-kont li kienet qed tirċievi kien ikun għoli. Barra minn hekk, hija qed ikollha tgħaddi n-numru tal-mobile privat tagħha lil-kuntratturi u persuni oħra li għandhom x'jaqsmu ma ċertu xogħol tal-Kunsill fejn konsegwenza t' hekk hi kienet qed tħossa skomda ħafna. Għalhekk hija talbet li n-numru tal-mobile tagħha jinqaleb b'kuntratt fejn jiġi mħallas mill-Kunsill. Hija qagħlet li hemm żewġ offerti ta' kuntratti li huma ta' €75 u €95 fix-xahar, fejn dan tal-aħħar jinkludi aktar minuti ta' telefonati fl-EU. Il-Kunsill approva li jsir kuntratt ta' €95 fix-xahar peress li li bħalissa il-Kunsill qiegħed fi proġett ta' tlitt snin flimkien ma tnax –il pajjiż ieħor fl-Ewropa u allura jsir ħafna kuntatt bil-mobile.

**13. Belvedere fit-Triq Hamri**

Il-Kunsilll iddecieda li jqabbad perit ġdid biex ikun jista jagħmel id-disinn, joħrog it-tenders u jagħmel l-applikazzjoni tad-DNO u UIF lill-MEPA bil-patt li dan ikun jista jibda jaħdem fuq dan il-proġett kemm jista jkun malajr u mingħajr dewmien żejjed. Issemmew xi periti u l-Kunsill iddeċieda li għandu jikkuntatja lill-perit Joanna Vella biex tieħu ħsieb dan ix-xogħol.

**14. Materji Oħra**

Peter Caruana

- Bozza maħruqa fit-Triq Sant Antnin kantuniera ma Triq iż-Żewwieqa li ilha 20 ġurnata maħruqa – is-Segretarju Eżekuttiv indunat li kienet qed tiġi rrappurtata

bozza oħra fis-sistema u għalhekk għamlet rapport bin-numru propja tal-bozza l-maħruqa.

- Talab jekk hux possibli li tiżdied ġurnata fejn jinġabar iż-żibel – il-Kunsill qabel li din ma tistax issir minħabba l-ispejjeż.
- Tindifa fit-taraġ ta' Lourdes – jitnaddaf mill-ħaddiema tal-ETC.
- Parti f'Kemmuna fil-bajja tal-blue lagoon jobrom ħafna l-baħar, u għalhekk huwa ferm perikoluż – ngħidu lid-Direttur Manuel Tabone biex forsi jistgħu jsiru xi avviżi fil-bajja.
- Siġar fuq il-Madonna fit-Triq l-Imġarr – ngħidu lill-Agrikultura biex jinżabru.

Stephen Mercieca

- Isir ftit cement fuq il-ġebel tas-sejjieh fi- Triq il-Gudja
- Toqob tal-armar tal-festa fit-toroq biex jintlew bir-ramel – is-Sindku kkundanna lill-għaqda tal-armar għax dawn suppost li jieħdu ħsibhom huma eżatt wara li tgħaddi l-festa iżda ma kienx qed isir hekk. Hu qal ukoll li waqt li tal-armar kienu qed iżarmaw laqtu fanal mill-kbar quddiem tal-Bużaqq fejn ħallewh miksur fl-art u mank biss indenjaw jiġbruħ jew jirrapurtaw lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tieħu ħsieb li tavża lil Rudolph Cauchi mill-armar biex jagħlqu dawn it-toqob minnufih.
- Issir żabra tal-palm fil-Belvedere tat-Triq Hamri – ninformaw lill-Agrikultura.

Larry Buttigieg

- Kampijiet fix-Xatt l-Aħmar qrib il-bajja – issuġġerixxa li s-sena id-dieħla nagħmlu mezz li nikkontrollaw dawn il-kampijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekkja x'jista jsir.
- Inqata l-ħaxix u ma nġabarx fis-Sqaq ta' quddiem il-Gozo Heritage.
- Tabelli u barriers għal-ħinijiet tal-Iskola – il-Kunsill qabel li l-barrier tersaq għal-quddiem l-entratura tal-iskola tal-Arti u oħra quddiem l-iskola eżatt u tiġi emendata t-tabella tal-one way.
- Żvilupp fuq il-website tal-Kunsill – is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet li l-ftiehem kien wara l-festa.
- Sarux xi żviluppi fuq-patching fit-Triq Palma – is-Sindku għandu jiċċekkja.
- Nitolbu lill-Madam tal-Iskola Primarja biex jibda jsir training għal-goalkeepers biss fil-grownd tat-turf tal-Iskola – is-Sindku ser ikellem lill-Madam.
- Preżentazjoni tat-team tas-soft ball bil-gearijiet – il-Kunsill iddeċieda li jkun hemm ftit drink u ftit sandwiches għal-mistednin

Franco Ciangura

- Xi persuni qed idendlu l-borża taż-żibel ma' tieqa ta' resident fit-Triq Cordina – il-Kunsill iddecieda li teħel kanna b'tabella 'tarmix żibel hawn'.
- Titranġa r-rampa tal-kunvent tal-Patrijiet– is-Sindku rrisponda li peres li fil-passaġġ kien hemm ħafna ħsara dan ix-xogħol setgħa jsir mil-ħaddiema tal-Kunsill pero irid jiġi ordnat truck Ready Mix. Il-preżenti ma sabux oġġezzjoni għal dan.
- Gradilji fit-Triq Cordina – is-Sindku rrisponda li r-residenta aċċettat li l-gradiji jibqgħu kif inhuma pero il-ħofra tal-gradilji li hija l-isfel mit-toqba tal-katusa tintelgħa bil-konkos biex ma jibqax ilma qiegħed.
- Bin fil-Pjazza Indipendenza – jinqala min fejn hu.
- Gandott fit-Triq Guseppi Cauchi - isir bil-cold asphalt.
- Xiri ta' fjuri għal-pots – is-Sindku spjega kif huwa kellem lit-tifel tal-ħanut tal-fjuri li hemm fi Pjazza Madonna ta' Loreto biex jgħid lill-ommu tmur tkellem lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tara x'hemm bżonn fjuri biex dawn jitħawlu fil-pots li hemm fit-toroq qabel il-festa. Pero din bagħqet ma marritx. Is-Sindku kompla jgħid li hu sar jaf wara l-festa li t-tifel ma kien qal xejn lill-ommu b'dan. Din kienet ir-raġuni għaliex il-fjuri ma tħawlux għal festa. Il-Kunsill qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv tieħu ħsieb li tikkuntattja lis-sid ta' dan il-ħanut tal-fjuri biex tagħti stima tal-fjuri li hemm bżonn u li jridu jinxtraw biex jitħawlu.
- Taraġ fuq l-Għajn – ikun maħmuġ. Is-Sindku ser jiġbed l-attenzjoni lill-kenniesa.
- Bini fejn hemm il-Pompa tal-ilma li hemm fiż-żewwieqa – nitolbu lil Gvern biex tingħata lill-Kunsill biex isir mużew. Is-Sindku qal li din kienet ser tkun diffiċli li dan il-post jingħata lill-Kunsill bħala mużew peress li jiftakar li l-ewwel Kunsill kien applika fuq programm tal-Unjoni Ewropea fuq is-sajjieda flimkien ma' belt oħra fil-port mil-Portugal. F'dan il-programm, il-Kunsill ta' Għajnsielem kien applika biex isir Mużew Marittmu fil-Port tal-Mgarr. Il-Kunsill kien għażel dan il-post biex isir dan il-Mużew, fejn kienet taqa taħt id-Dipartiment tal-ilma u kien kiteb lid-Direttur tal-WSC u lill Ministru konċerat biex dan il-post jingħata lill-Kunsill għal dan l-iskop, iżda dawn m'accettawx li l-post jingħata lil-kunsill. Fuq din ir-raġuni l-applikazzjoni tal-Kunsill ta' Għajnsielem mal-Ewropa ma ġietx approvata.Is-Sindku qal li kien ser ifittex il-file biex jikkonferma kif ġraw l-affarijiet.
- Poster tal-festa – kien ta' suċċess u issuġġerixxa li jsir ieħor għal-Milied – il-preżenti qablu ma dan.

## 15. Customare Care

- Tabelli fit-Triq Chambray – suġġeriment li jinqalgħu min mal-ħajt tal-Gozo Press u ssir tabella waħda pulita fejn turi direzzjoni - il-Kunsill iddeċieda li jitħallew kif inhuma.
- Suġġeriment biex Rotta 322 tal-Arriva li tmur Marsalforn tibda tinżel minn Triq Simirat – il-Kunsill qabel li jsir dan is-suġġeriment lil Transport Malta.

## 16. Tmiem il-Laqgħa

Wara li kien hemm qbil li l-lagħqa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 2 ta'Ottubru fis-3.00 pm, is-Sindku ddikjara l-lagħqa magħluqa fit-10.00pm.

| | |
|---|---|
| Francis Cauchi | Amanda Abela |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |